IT-TIELET KTIEB
TAS-SITT SENA

SETTEMBRU
1930

# IL-MALTI

## QARI

LI TOĦROĠ

*IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

KULL TLIET XHUR

---

XFIH DAN IL-GĦADD

---

Għaliex ma jitgħallmux il-Malti — L-Imsella ta' — Kleopatra (T. Z.) — Is-Seba' reqdin (Sajdun) — Il-Kalendarju l-ġdid internazzjonali (Gejtan Grixti) Pina (T. Z.) — Id-daħla ġo l-Birgu tal-Gran Mastri ta' Malta (Ġużê Gatt) — *Spes ultima* (Dun Karm) — Kelmtejn fuq it-tħejjija għall-Assedju l-Kbir (T. Z.) *Biblijografija* (Sajdun)

# IL-MALTI

QARI LI TOĦROĠ *IL-GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* IT-TIELET KTIEB TA' L-1930

# GĦALIEX MA JITGĦALLMUX IL-MALTI

Tisma' min igħid : "Nixtieq nitgħallmu l-malti; iżda, ingħidlek is-sewwa, dak id-"w", u dak il-"q" u il-"k" u ċ-"ċ" bit-tikka, iħawduli rasi."

Oħrajn igħidu : "Kont nitgħallmu l-Malti, li kieku kien jiswieli għal xi ħaġa ; imma jiena nħoss illi ż-żmien li wieħed iqiegħed fit-tagħlim tal-malti, kollu żmien mitluf".

Xi ieħor igħidlek : "Il-malti ma nitgħallmux, għax mhux sabiħ : ma fih xejn x'iħajrek. L-Ingliż, it-Taljan, il-Franċiż tifhimhom; il-Malti donnok ma tifhmu qatt."

* * *

Ħabib, qatt ħarist bir-reqqa biex tara jekk dak id-"w", dak il-"q", dik il-"k" u dik iċ-"ċ" bit-tikka humiex tas-sew itqal mill-ittri l-oħra li tista' tqiegħed flokhom ?

Qatt ħsibt u għarrixt, b'qalbek f'idejk, jekk iż-żmien li wieħed iqiegħed fit-tagħlim tal-lsien ta' pajjiżu hux tas-sew żmien mitluf?

Qatt ħadt f'idejk xi ktieb bil-malti miktub minn min fehem u ħabb il-lsien tagħna, u għarbiltu tajjeb biex tara jekk il-lsien malti hux tassew nieqes minn dak il-ġmiel u minn dik il-ħlewwa li ssib f'ilsna oħra?

Naħseb li le: għaliex kieku inti għaraft xi ftit il-lsien li bih titkellem fit-tifsir u fil-bini tal-kliem, finnisġa tal-għidud, fil-qawwa u fil-ħlewwa li għandu firradd tal-ħsieb u tal-qalb, qatt ma kont tgħajjar hekk iebes il-lsien li rdajt ma' ħalib ommok.

Il-ħtija hi waħda, li inti qatt ma għaraft, u qatt ma fittixt li tagħraf ilsien pajjiżek, u billi ma għaraftux, ma ħabbejtux, għax il-qalb tinġibed lejn min taf, u billi ma ħabbejtux, issa tarah tqil, tarah ikreh, tarah bla fejda.

Fittex mela, ja Malti, li tagħarfu il-lsien li bih titkellem: jekk tagħarfu, naħliflek li tibda tħobbu, u jekk tasal li tħobbu, tissaħħar għal urajh, u jiġik ħafif, tarah sabiħ, u ssibu fejjiedi.

# L-IMSELLA TA' KLEOPATRA

*(CLEOPATRA'S NEEDLE)*

Min wasal wasla sa Londra, jew għallanqas ra xi ġabra ta' stampi fuq Londra, ma satax ma tolqtux ħaġra minquxa miġuba mill-Eġittu, plier għoli ħamrani, tal-granit bil-ponta, minsub fuq ġenb ix-xmara (Thames), wieħed minn dawk li hemm imxerrda fl-art tal-Masr (Eġittu) u li l-Għarab isejjħu msella. L-Ingliżi sejjħulha *needle* għax imsella hija labra tal-ħjata kbira, u għalhekk il-plieri ta' din il-għamla qalgħuhielhom *needles*, imselel.

—" Din kif daħlet mal-Malti?" nistħajjel min isaqsi.

— Ara kif.— Fil-għadd ta' Jannar tal-*Empire Review*, xi ħadd kiteb fuq dan il-plier li jiżen 180 tunnellata u qal kif wasal Londra mitluq f'idejn tmien Maltin. Hux ta' min ifakkarha biċċa xogħol bħal din. Nixtieq naf min kienu dawn it-tmien Maltin li fost kemm kien hemm nies Lixandra ġew magħżula biex jieħdu ħsieb dal-ġarr. U tħabtu, smajtx! u waslu biss bil-ħniena t'Alla. Ara kif bdiet u ntemmet din il-biċċa.

Ħamsin sena ilu, il-Kedive Moħammed Ali xtaq jati lill-Ingriterra waħda miż-żewġ imselel li kienet ħadet Lixandra is-sultana Kleopatra fi żmien ir-Rumani biex tqiegħdhom quddiem bini sabiħ imsejjaħ *Cesareum*. Dan kien tlieta u għoxrin sena qabel Kristu u dawn l-imselel kienu tnejn minn sitta minsuba quddiem il-maqdes ta' *On*, alla tax-xemx.

Għall-ewwel, l-Ingliżi kemmxu xuftejhom biex ikarkru plier ta' 180 tunnellata sa xatt il-baħar, imbagħad iwassluh Londra, imma nqalgħu żewġ sinjuri li ma qatgħux qalbhom u la min-nefqa u l-anqas mill-armar u mill-ġarr. Dawn kienu il-professur Erażmu Wilson u l-inġinjer Ganni Dixon li minnufih ftiehmu li jsir barkun ta' 92 pied bi 15-il-pied wisa' u li fuqu titgħabba l-imsella. Karkar u aqleb u iġbed, il-plier wasal fuq xatt il-baħar u tala' fuq il-barkun li ħa sura ta' bastiment biex fuqu tista' tgħix iċ-ċorma ma' tul il-vjaġġ. Il-barkun semmewh *Kleopatra* u telquh f'idejn kaptan Ingliż, certu Carter, u tmien Maltin, u kellu jirmunkah vapur jismu Olga.

Bil-għajnuna t'Alla, fil-21 ta'Settembru 1877, l-Olga rabat il-barkun u telaq minn Lixandra. Kollox mar ħarir sal-14 ta'

Ottubru, mita waslu fil-bajja ta' Biscay fejn laħaqhom baħar qawwi u riefnu li ma bħalu. Il-plier ħabat jitmejjel u t-toqol tiegħu bażża' lil kullħadd. In-nies ma felħux għall-baħar u għamlu sinjali tal-għajjut. Il-kaptan Booth tal-Olga niżżel dgħajsa b'ħamsa min-nies biex imorru lejn il-barkun iżda il-baħar ma ħallihomx jersku, id-dgħajsa nqalbet u hi u n-nies ta' ġo fiha ntilfu. Il-kaptan tal-Olga baqa' idur mal-barkun u wara taħbit kbir wasal biex jitfa' ċima l-baħar li l-Maltin irnexxielhom jaqbdu u fl-aħħar rabtu magħha fregatina u wieħed wieħed in-nies ħallew il-barkun u marru fuq l-Olga. Malli l-kaptan salva lin-nies, il-barkun kellu jitilqu u wara ftit taż-żmien ħadd ma rah aktar. L-Olga waslet l-Ingriterra u tât l-aħbar li l-barkun bl-imsella tal-granit intilef.Alla ried li erbat ijiem wara,vapur Ingliż, il-Fitzmaurice, iltaqa' ma' dal-barkun waħdu fil-wiċċ, u billi l-baħar kien ħeda xi ftit, sata' jorbtu u jkarkru lejn Ferreall fil-Portugall. Minn hemm, wara ftit, ħadu warajh u bil-għaġeb ta' kullħadd daħal bih fix-xmara ta' Londra u tâh f'idejn dawk li għabbewh Lixandra.

Hekk l-imsella ta' Kleopatra minn qalb ir-ramel tal-Masr u mix-xemx ta' Lixandra sabet ruħha mwaqqfa, frotta barra minn żmienha, fuq xatt ta' xmara fuq ħaġra samma, minsuba fuq xatt ta' ilma mdardar u mgħakkar qalb iċ-ċpar tax-xtiewi Ingliżi fejn ix-xemx tidher aktarx bħal ftira safra milfufa fit-tajjar. Il-plier aħmar maħsul is-sena kollha bix-xita, għadu donnu maqtugħ il-bieraħ u n-nies li tgħaddi fuq il-mol taħt Adelphi Terrace drat tarah minsub fuq il-parapett tax-xmara, u kullħadd jatih daqqa ta' għajn u jibqa' sejjer għal xogħlu.

Il-maltin għandhom jeqfu quddiem din l-imsella mita jaslu biswitha u jiftakru li idejn il-Maltin mellsuha, u ħażżmuha u rifduha fuq il-baħar u ma' dwarha xteħtu jistennew il-għarqa għar-rkobbtejhom, u għamlu wegħdiet lill-qaddisin u lil Sidtna Marija biex tħarishom mill-mewt li għal kemm il-jum kienet fuq għajnejhom. Kemm imrar swietilhom lit-tmien Maltin ħutna din l-imsella! Għalhekk mita wieħed min'na jgħaddi minn ħdejha għandu jgħid bejnu u bejn ruħu: "Din xogħol il-*Maltin.* Alla jseddaqhom fejn huma, dejjem qalbiena għall-baħar, kullimkien issibhom, Alla jbierek."

T. Z.

# IS-SEBA' REQDIN

*Ilna nafuha mindu konna żgħar l-istorja tas-seba' tfal li damu reqdin tliet mitt sena, iżda qatt ma ħabbatna rasna fuq it-tifsira tagħha. Mill-kittieba Għarbin imsemmija ħafna. Isemmiha l-Quran ukoll fis-sura "Il-Għar", XVIII, 9-21. Biha jridu jfissru l-qawma mill-imwiet. Qlibtha bil-Malti mill-ktieb Għarbi* Maġâni 'l âdab *ta'* P. Cheikho *(vol. II faċċ. 236-247); imxejt kemm stajt kelma b'kelma biex wieħed jista' jduq u jtiegħem il-kitba għarbija.*

**Sajdun.**

Kellhom ir-Rumani sultan ismu Deċju u kien iqim l-îdli u jidbaħ lill-allat il-ħżiena. U kien jinżel bliet ir-Rumani u ma jħalli fihom ebda wieħed li jemmen li ma jdawwrux biex iqim l-îdli. U niżel darba waħda l-belt ta' sħab il-għar [1], li hi Efesu, u kien għad hemm fiha xi bqija fid-dîn ta' Ġesù, bin Marija, iqimu 'l Alla. U ħarbu minnu (minn Deċju) dawk li jemmnu. Xħin wasal il-belt, għażel għassiesa fost dawk li ma jemmnux minn nies il-belt biex ifittxu l'dawk li jemmnu fejn ikunu. U min jaqa' f'idejhom, is-sultan kien jatih jagħżel bejn il-mewt u l-qima tal-allat. U n-nies tal-belt min ried, u min ma riedx u qatluh. Inbagħad taw ordni li l-iġsma tagħhom idendluhom fuq sur il-belt u fuq kull bieb.

U ħabat li sebgħat itfal minn ulied il-kbarat tal-pôplu ħarġu darba waħda jħarsu lejn l-imgħaddbin fost ħuthom. U fetħilhom Alla għajnejhom u kienu jaraw li raġel meta joqtluh jinżlu lejh anġli mis-sema u jitilgħu b'ruħu. U emmnu u talbu l'Alla u qabdu jgħidu: "Mulejna, Sid is-smewiet u l-art, ma nsejjħu ħliefu ebda alla ieħor għax incunu qegħdin ingħidu dagħwa. Ja Alla, għarraf lill-qaddejja tiegħek, li jemmnu, dan it-tiġrib u warrab il-ħsara u l-hemm minn fuq dawk li jemmnu fik." Waqt li kienu jgħidu hekk laħquhom il-għassiesa u daħlu fejn kienu jitolbu u sabuhom iqimu mixħutin fuq wiċċhom, jibku u jitolbu l'Alla l-Għoli. Meta kien jaf bihom is-sultan qallhom: "X'żammkom li ma tqimux 'l allatna? agħżlu jekk tridux tidbħu lil allatna jew noqtolkom." U qal Maksilminu, il-kbir fosthom: "Għandna aħna Alla, jimla

1. *Sħab il-għar*, hekk igħidulhom lil dawn is-sebgħat itfal.

s-smewiet u l-art il-kobor tiegħu; ma nsejjħu ħliefu ebda alla ieħor. Imma l-îdli ma nqimuhom qatt; agħmel li jidhirlek." Malli qal dan amar is-sultan li jneżżgħuhom il-lbies li kellhom fuqhom, il-lbies ta' wlied il-kbarat, u qal: "Jekk tibqgħu tagħmlu li għamiltu nitfagħkom l-aħħar u nieħu ħsiebkom u nrażżankom bit-trażżin li hedditkom. U xejn ma jżommni li ma ngħaġġelx nagħmel dan, ħlief li narakom tfal, għadkom żgħar fis-snin. U ma rridx neqridkom qabel ma natikom iż-żmien li toqogħdu taħsbu fih u terġgħu tagħmlu l-għaqal." Inbagħad amar għalihom is-sultan u ħarġuhom minn għandu. U telaq Deċju għal belt oħra għal ħwejjeġ oħra.

Meta għarfu t-tfal li ħareġ Deċju minn belthom, ftiehmu bejniethom li jieħu kull wieħed minnhom nefqa minn dar missieru u jatu lill-foqra minnha u jieklu milli jibqa'. Inbagħad telqu lejn għar qrib mill-belt u qagħdu fih iqimu l'Alla l-Għoli. Biex meta jiġi Deċju, imorrulu u joqogħdu quddiemu biex jagħmel bihom li jrid. U meta kien igħattihom il-lejl, kienu joħorġu lejn il-għolja u jatu l-flus lil wieħed minnhom igħidulu Tamliħa, u jixtrilhom l-ikel mill-belt. Kien l-isbaħ u l-aktar f'saħtu fosthom. U kull meta kien jidħol il-belt kien jilbes ilbies il-foqra, u jixtrilhom l-ikel u jitkixxfilhom l-aħbarijiet. U damu hekk żmien. Darba tâhom l-aħbar li s-sultan kien ifittixhom. U waqt li kienu hekk għal ħabta ta' nżul ix-xemx jitħaddtu u jħabbtu rashom, laqtilhom Alla widnejhom [2] fil-għar. U staqsa s-sultan għalihom, u sefsiflu x-xitan ġo qalbu biex iġiegħel li jsoddulhom il-għar biex imutu bil-ġugħ u bil-għatx. U mewwtilhom Alla rwieħhom b'mewt ta' rqad. Inbagħad żewġ irġiel, li kienu jemmnu, ta' dar is-sultan kitbu l-biċċa tat-tfal u ismijiethom u n-nisel tagħhom fuq werqa rsas. U daħħluha f'kaxxa tal-inħas u qegħduha fil-bini. U raqdu tliet mitt sena. Qal Muħammed bin Isħâq: Inbagħad saltan fuq nies dik l-art raġel twajjeb igħidulu Tawadusijus. U nġemgħet in-nies fis-saltna tiegħu ġemgħa, u fosthom min kien jemmen b'Alla u jgħallem li l-qawma mill-imwiet hija tassew, u min kien imieri. U għela sħiħ meta ra n-nies tal-qerq jiżdiedu u jagħalbu n-nies tassewwa u jgħidu: Mhemmx ħajja ħlief il-ħajja tad-dinja. Iżda jqumu mill-mewt l-erwieħ, ma jqumux l-iġsma.

Inbagħad ried il-Ħanin juri t-tfal, sħab il-għar, u jgħarraf lin-nies il-biċċa tagħhom u jqegħidhom bħala għelm li jagħarfu bih li l-qawma mill-imwiet mhemmx tmerija fiha. Mela webbel Alla f'moħħ raġel minn dik il-għolja, biex jibni hemm maqjel għall-merħla tiegħu. U kera żewġ ħaddiema, u qabdu

2. *Laqtilhom Alla widnejhom*, raqqadhom

jneħħu dak il-ħaġar u jibnu bih dak il-maqjel, sakemm ħattew kull ma kien hemm fid-daħla tal-għar. U malli nfetaħ fuqhom il-bieb, ried Alla, sid il-qawwa, is-setgħa u l-ħakma, li jqumu t-tfal. U qagħdu bil-qiegħda ferħanin, wiċċhom ħieni u qalbhom f'siktha. U sellem wieħed lill-ieħor. Inbagħad qamu jsallu, u sallew bħalma kienu jagħmlu bla ma jidher f'wiċċhom, f'ġisimhom jew f'lewnhom xejn li jistkerrħuh. Kienu sbieħ daqs meta raqdu. U huma ħasbu li s-sultan tagħhom Deċju kien ifittixhom. Xħin temmu t-talba tagħhom qallhom Maksilminu: "L-aħwa kunu afu li intom sejjrin tiltaqgħu ma' Alla, għalhekk la tiċħdux twemminkom meta jsejjħilkom (is-sultan) għada." Inbagħad qal lil Tamliħa: "Mur ilbelt u isma' x'igħidu n-nies fuqna. U lteff u la tgħarraf bina 'l ħadd; ixtrilna l-ikel u ġibulna għax bina l-ġugħ." U ħa Tamliħa l-ħwejjeġ li kien ibiddel bihom, u ħa fils milli kellhom biex jonfqu, minn ta' żmien Deċju. U telaq Tamliħa l-barra u xħin ġie ħdejn bieb il-għar ra l-ħaġar imneħħi minn bieb il-għar, u stagħġeb. Inbagħad mar u ma qagħadx jaħseb fuqu. U wasal bieb il-belt liebes ilbies ieħor u jitwarrab mittriq imbażża' li jarah xi ħadd minn nies il-belt u jagħarfu u jmur bih għand Deċju s-sultan. U ma kienx jaf li Deċju u niesu kien ilhom mejjtin tliet mitt sena. Meta ra Tamliħa bieb il-belt, rafa' rasu u ra fuq il-bieb għelm ta' dawk li jemmnu. U xħin rah stagħġeb u qabad iħâres lejh f'dik issura li kien. U ħâres lejn il-lemin u lejn ix-xellug u ma ra 'l ħadd li jafu. Inbagħad ħalla dak il-bieb u dar lejn bieb ieħor minn bwieb il-belt u ra hekk ukoll. U beda jistħajjel li l-belt mhix dik li kien jaf. U ra ħafna nies ta' dak iż-żmien li qatt ma kien jafhom qabel. U rħielha jimxi u jistagħġeb bihom u bih in-nifsu, u kien donnu miblugħ. Inbagħad reġa' lejn ilbieb li kien ġie minn ħdejh. U qagħad jistagħġeb bih u bih in-nifsu u jtella' u jniżżel u jgħid: Kemm nixtieq naf! Mhux il-bieraħ fil-għaxija kienu dawk li jemmnu jaħbu dan ilgħelm, u l-lum, ara, qiegħed hemm fid-dieher? Għandi mnejn qiegħed noħlom. Ra li mhux joħlom u ħa kisjitu u qegħidha fuq rasu.

Inbagħad daħal il-belt u qabad jimxi qalb it-toroq tagħha u jisma' ħafna nies isemmu 'l Alla u 'l Ġesù bin Marija. U aktar stagħġeb u ħaseb li tilef moħħu. U qagħad mixħut dahru ma' ħajt minn ħitan il-belt u jgħid f'qalbu: Ma nafx xinhu dan, imma l-bieraħ fil-għaxija ma kienx hawn fuq wiċċ l-art bniedem li jsemmi 'l Ġesù bin Marija li ma joqtluhx. U l-għada nisma' n-nies kollha jsemmu fuq Ġesù bin Marija, u ma jibżgħux. Inbagħad qal f'qalbu: Għandha mnejn din

mhix il-belt li jien naf; nisma' kliem in-nies u ma nifhemx waħda; iżda ma nafx li hawn belt eqreb minn beltna. U baqa' niexef bla ma jaf fejn jaqbad imur. Inbagħad sâb tifel minn nies il-belt u qallu: "Tifel, x'jisimha din il-belt?". Qallu "Efesu." U qal bejnu u bejn ruħu: Għandu jkun xi ġenn jew xi ħaġa oħra ħaditli moħħi. U xħin ġie f'sessih qal: Jekk ngħaġġel noħroġ mill-belt qabel ma jaqbdu fija, jaħbatli aħjar. U resaq lejn dawk li kienu jbiegħu l-ikel u ħareġ il-fils li kellu fuku u tâh lil raġel minnhom u qallu: "Ja għabd Alla, begħli b'dan il-fils ikel." Hadu r-raġel u beda jħâres lejn ix-xbieha tal-fils u lejn it-tinqix tiegħu u stagħġeb bih. Inbagħad newwlu lil raġel ieħor minn sħabu u ħares lejh. Inbagħad bdew igħadduh bejniethom minn wieħed għal ieħor u jistagħġbu bih. U bdew jistaqsu fuq dal-fils u qalu x'uħud minnhom: Dan ir-raġel sâb xi sejba flus moħbija fl-art minn żmien twil. X'ħin rahom jitħaddtu fuqu beża' ħafna u ħass niket kbir. U beda jirtogħod u jaħseb li qabduh u għarfuh u jridu jeħduh għand is-sultan tagħhom Deċju. U ġew nies oħra jistaqsu fuqu. U qallhom b'biża' kbir: "Atuni li neħtieġ la intom ħadtu flusi, inkella żommu l-ikel tagħkom u mhux dak li neħtieġu bih." Qalulu: "Min int, tifel, u xinhi l-biċċa tiegħek? Għax int sibt xi sejba flus ta' żmien ilu u trid taħbilna, imma ejja magħna u xerikna fih biex inħeffulek minn fuqek dak li sibt. U jekk ma tagħmelx hekk, neħduk għand is-sultan u nerħuk f'idejh biex joqtlok." Meta sema' kliemhom indehex u qal: Waqajt f'kull ma ridt naħrab minnu. Qalulu : "Tifel, ma tistâx taħbilna dak li sibt, u la taħsebx li sa nżommuk moħbi." Baqa' sieket Tamliħa, ma jafx x'igħid u x'iwieġibhom. Xħin rawh ma jitkellemx, ħadu kisjitu u dawwruhielu ma' għonqu. U qabdu jmexxuh fit-toroq tal-belt marbut, sakemm sema' bih kull min kien fiha, u qalu : "Qabdu raġel għandu moħba." U nġemgħu madwaru nies il-belt, żgħar u kbar, u bdew iħarsu lejh u jgħidu: "Mhux dan it-tifel minn nies din il-belt, ma rajnieh fiha qatt u ma nafuhx." U Tamliħa ma kienx jaf x'igħidilhom għalli sema' minnhom. U meta nġemgħu madwaru nies il-belt, beża' u siket u ma tkellemx. U kieku qal li hu minn dik il-belt ma ki nux jemmnuh. Hu minn għalih li missieru u ħutu qegħdin il-belt, u li jgħodduh minn nies il-belt, mill-kbarat tal-belt, u jeħduh għandu meta jisimgħu. U minn għalih li l-bieraħt lura kien jaf ħafna nies mill-belt, u l-lum ma jaf il ħadd.

Waqt li kien qiegħed bħal miblugħ jistenna li jiġi xi ħadd minn niesu, jew missieru, jew xi ħadd minn ħutu u jeħilsu minn idejhom, ħatfuh u telqu bih għand ir-rajjes tal-belt u

tnejn minn ta' madwaru. Kienu żewġ irġiel sewwa, wieħed jismu Armûs u l-ieħor Istafûs. Meta telqu bih għal għandhom, deħirlu Tamliħa li sejjrin bih għand Deċju l-ħakem, is-sultan tagħhom li ħarbu minnu. U beda jdur lejn il-lemin u lejn ix-xellug u bdew in-nies jidħku bih bħalma jidħku b'miġnun u bi mherwel. U qabad Tamliħa jibki, inbagħad refa' rasu lejn is-sema u qal: Ja Alla tiegħi, Alla tas-sema u Alla tal-art xerred fuqi l-lum sabar u daħħal fija ħila minn għandek li twettaqni quddiem dan il-ħakem. U qabad jibki u jgħid f'qalbu : Firduni minn ħuti; mhux li jkunu jafu miex iltqajt u fejn sejrin bija ! Kieku jafu, kienu jiġu u nidhru flimkien quddiem dan il-ħakem. Għax aħna konna żammejna iebes biex nibqgħu flimkien, ma niċħdux l'Alla u ma nqimux allat barra minn Alla qawwi u kbir. Firduni minnhom u ma narahomx u ma jarawnix. U konna ftehimna li ma ninfirdu qatt u la fil-ħajja u la fil-mewt. Mhux li kont naf x'sa jagħmilli, joqtolni jew le.

Inbagħad waslu bih għand iż-żewġ irġiel tajjbin, Armûs u Istafûs, u meta ra Tamliħa li ma marrux bih għand Deċju, ħa r-ruħ u ma baqâx jibki. Ħa Armûs u Istafûs il-fils, ħarsu lejh u stagħġbu bih. Inbagħad qallu wieħed minnhom : "Fejnha l-moħba li sibt, tifel? Dan il-fils jixhedlek li int sibt moħba." Qallu Tamliħa : "Ma sibt l-ebda moħba, iżda dan il-fils, flus missieri, u l-kitba u x-xbieha ta' din il-belt. Imma jien ma nafx x'ingħidilkom." Qal wieħed minnhom: "Min int?" Wieġbu Tamliħa: "Għalli naħseb, jidhirli li jien minn din il-belt." Qalulu : "Min hu missierek u min hawn li jafek ?" Għarrafhom isem missieru, imma ma sabu 'l ħadd li jaf lilu jew 'l missieru. Qallu wieħed minnhom: "Inti giddieb, ma tgħidx is-sewwa." U ma għarafx Tamliħa x'iweġibhom, ħlief li niżżel rasu lejn l-art. Qal wieħed minn ta' madwaru: "Dan ir-raġel miġnun." U qal ieħor: "Mhux miġnun, imma jagħmilha ta' iblah għax irid, biex jaħarbilkom." Qallu wieħed minnhom waqt li ħares lejh ħarsa iebsa: 'Taħseb li sa nitilquk u nemmnu li dan flus missierek?" Il-kitba ta' dan il-fils u x-xbieha tiegħu ilha aktar minn tliet mitt sena. U inti daqsxejn ta' żagħżugħ taħseb li sa tbellagħna u tidħak bina, aħna li xagħarna abjad bħalma tara. Madwarek hawn il-kbarat tal-belt, il-wali tagħha u dawk li f'idejhom il-flus ta' dis-saltna. Imma ma għandniex minn din il-għamla ta' flus u la dirhem u la dinier. Jidhirli li għandi namar li jsawwtuk u jgħaddbuk tagħdiba sewwa, inbagħad norbtok sakemm tikxef din il-moħba li sibt." Meta qallu dan, wieġbu Tamliħa : "Għiduli ħaġa li sa nistaqsikom; jekk tgħiduli, ngħidilkom is-sewwa

x'għandi." Qalulu: "Staqsi, ma naħbulek xejn." Qal : "X'għamel is-sultan Deċju?" Qalulu: "Ma nafu l-lum fuq wiċċ l-art l-ebda sultan jismu Deċju. U ma kienx hawn ħlief sultan li miet żmien twil ilu. u ntemm warajh kemm-il-nisel." Qallhom Tamliħa: "F'ġieħ Alla! ma jemminni ħadd li sa ngħid. Konna wlied is-slaten, u ried hu jġegħilna nqimu x-xbihat u nidbħu lill-allat il-ħżiena, għalhekk ħrabna minnu l-bieraħt lura u rqadna. U xħin stembaħna, ħriġt nixtri lil sħabi l-ikel u nitkixxfilhom l-aħbarijiet, u hawn jien kif taraw. Ejjew miegħi fil-għar li hemm f'ġebel Manħalûs, nurikom lil sħabi." Meta sema' Armûs u Istafus x'kien igħid Tamliħa, qalu: "Ja nies, mhux dan ewwilla għelm minn għeliem Alla l-qawwi u l-kbir, li tâkom b'dan it-tifel? Ħa jeħodna miegħu u jurina 'l sħabu bħalma qal: "U mar miegħu Armûs u Istafûs u marru magħhom nies il-belt, kbar u żgħar, lejn dawk tal-għar biex jarawhom.

Meta raw it-tfal tal-għar li dam Tamliħa ma ġie bl-ikel u bix-xorb aktar milli kien idum dari, ħasbu li qabduh u marru bih għand is-sultan tagħhom Deċju, li kienu ħarbu minnu. U filli kienu jaħsbu dan u jitbeżżgħu, semgħu għajjat u ħsejjes ta' żwiemel telgħin lejhom. U ħasbuhom irsajjel tas-sultan Deċju, li bagħathom iġibuhom. U qamu, xħin semgħu dan, biex jitolbu, u sellmu wieħed lil ieħor u qalu: "Ħuduna ħdejn ħuna Tamliħa, għax hu bħal issa qiegħed quddiem is-sultan Deċju, jistenna meta mmorrulu." Waqt li kienu jgħidu dan, mixħutin f'nofs il-għar, ma rawx ħlief 'l Armûs u 'l Istafûs u nies weqfin ħdejn bieb il-għar, imma Tamliħa kien sebaqhom. U daħal ħdejhom jibki, u xħin rawh jibki bkew miegħu. Inbagħad staqsewh xi ġralu, u qallhom u għarrafhom b'kull ma staqsewh. U għarfu minn dan li kienu reqdin, għax riedhom Alla l-Għoli, dak iż-żmien kollu. U issa stembħu biex ikunu għelm lin-nies, u jemmnu fil-qawma mill-imwiet u jkunu jafu li l-qawma mill-imwiet hi ħaġa li ma tistâx tmeriha. Inbagħad daħal Armûs fuq atar Tamliħa u ra kaxxa tal-inħas maħtuma b'ħâtem tal-fidda. U qagħad f'bieb il-għar u sejjaħ żewġ irġiel mill-kbarat tan-nies tal-belt u fetaħ il-kaxxa quddiemhom. U sabu fiha żewġ lwieħ tar-rsas, miktub fihom li Maksalmina u Tamliħa u Martûqox u Mawalis u Sanijûs u Batnijus u Kaxfulat kienu tfal li ħarbu minn sultanhom Deċju għax beżgħu li jbegħidhom minn dinhom u daħlu f'dan il-għar. U meta kien jaf fejn huma, ġagħal li jroddu dan il-għar bil-ħaġar. U aħna ktibna l-biċċa tagħhom u ħbarhom biex ikun jaf min jiġi warajhom jekk jikxifhom. Xħin qrawha stagħġbu u faħħru 'l Alla l-qawwi u l-kbir li wriehom għelm

tal-qawma mill-imwiet. Inbagħad għollew leħinhom ifaħħru u jsebbħu 'l Alla. U daħlu ħdejn it-tfal fil-għar u sabuhom bil-qiegħda fin-nofs, wiċċhom lejn tlugħ ix-xemx, u ma kenux qdiemu lbieshom. U nxeħet fl-art Armûs u sħabu jatu qima l'Alla l-Għoli u jfaħħru 'l Alla li wriehom għelm fost l-għeliem. Inbagħad kellem wieħed lill-ieħor u għarrfuhom it-tfal b'kull ma ġralhom minnħabba sultanhom Deċju. Inbagħad Armûs u sħabu bagħtu rsal lis-sultan tagħhom it-tajjeb Tawadusijus: "għaġġel biex tara għaġeb fost l-għeġubijiet li għamel Alla l-Għoli f'saltnatek. U għamlu bħala għelm liddinja, biex ikun dawl u dija u twemmin fil-qawma mill-imwiet. U fittex ejja ħdejn it-tfal li qajjimhom Alla, li kien mewwithom aktar minn tliet mitt sena ilu." Meta waslet għand is-sultan l-aħbar, qam mis-sodda li kien fuqha u ħallih hemmu. U qal: "Infaħħru l'Alla, Sid tad-dinja, Sid tas-Smewiet u l-art u nqimek u nsebbħek. Kont miegħi tajjeb u ħanin u ma tfejtx id-dawl li kont tajt lil misserijieti."

Meta ġew jafu b'dan nies il-belt, rikbu għal għandu u marru miegħu u telgħu ħdejn il-għar u daħlu, u xħin raw ittfal lil Tawadusijus ferħu bih u nxteħtu jatu qima wiċċhom fl-art. U qam Tawadusijus quddiemhom u għannaqhom u beka. U huma kienu bil-qiegħda quddiemu fl-art isebbħu l'Alla l-Għoli u jfaħħruh. Inbagħad qalu t-tfal lil Tawadusijus: "Nitolbu l'Alla għalik u nsejjħu fuqek is-sliem, u jħarsek Alla u jifrex saltnatek u jħarsek mid-deni tal-ġenn." Waqt li s-sultan kien wieqaf reġgħu lejn il-marqad tagħhom u raqdu u mewwtilhom Alla rwieħhom. Qam is-sultan u qiegħed ħwejjġu fuqhom. U amar li jsir lil kull wieħed tebut tad-deheb. U xħin raqad fil-għaxija dehrulu fir-rqad u qalulu: "Aħna ma nħlaqniex u la mid-deheb u la mill-fidda, imma nħlaqna mit-trab u fit-trab immorru. Ħallina bħalma konna fil-għar fuq it-trab sakemm iqajjimna Alla. U amar is-sultan minnufih li jsir tebut tad-dolf u qegħduhom fih. U satarhom Alla, xħin ħarġu minn għandhom, bil-biża' u ma seta' ħadd jidħol sa ħdejhom. U amar is-sultan u bena ħdejn bieb il-għar mkien li jitolbu fih. U għamlilhom għid kbir.

# IL-KALENDARJU L-ĠDID INTERNAZZJONALI

## KELMTEJN TA' ĦTIEĠA MINN QABEL

Fil-ħarġa ta' "Il-Malti" tax-xahar ta' Marzu 1929 jiena kont tajt xi tifsir dwar il-Kalendarju l-ġdid li ħafna nies għorrief ta' nazzjonijiet diversi jidhrilhom li għandu jkun ta' ħtieġa mill-akbar għall-internazzjonalità kollha. Iżda, nistqarr is-sewwa, billi fit-taqsim tal-ġranet tal-festi kienu ħarġuli xi għelut li jiena ntbaħt bihom minn wara, għalhekk issa ħsibt u rajt li nippublika l-Kalendarju sħiħ bit-taqsim kollu tiegħu, u biex il-qarrej ikun jista' jifhem kollox aħjar nikkonfrontah mal-Kalendarju Gregorjan tas-sena 1933 u l-aktarnett billi f'dik is-sena l-ewwel jum tagħha (l-Istrina) jaħbat Jum il-Ħadd li hu s-sies ewlieni tal-Kalendarju l-ġdid.

Jidhirli li hu meħtieġ ukoll li narġa' ntenni minn qabel it-taqsim ta' l-istess Kalendarju.

Immela is-sena tkun imqassma fi 13 il-xahar indaqs ta' 28 jum f'kull wieħed, li lkoll flimkien fihom 364 jum.

Kull xahar jitqassam f'4 ġimgħat ta' 7 ijiem f'kull waħda li jibdew mill-Ħadd u jispiċċaw bis-Sibt. Ikun meħtieġ li jiżdied jum ieħor biex jagħlaq it 365 jum tas-sena. Dan il-jum ikun bla isem, biss jissejjaħ "Jum is-Sena" u jitqiegħed wara it-28 ta' Diċembru billi hu l-aħħar tas-Sena !

Bl-istess mod hu meħtieġ ukoll li jiżdied ljum ieħor għal-darba f'kull 4 snin li jissejjaħ il-"Jum Bisestil" u jitqiegħed wara t-28 ta' Ġiunju. Tant il-"Jum is-Sena" kemm ukoll il-"Jum Bisestil" ikunu jiem vaganzja għal-kullħadd.

Jibqa' mbagħad ix-xahar il-ġdid li jissejjaħ "Sol" jew: "Xahar ix-Xemx," billi f'dawk il-jiem jibda s-Solotizju tas-Sajf, u jitqiegħed bejn ix-xahar ta' Ġunju u Lulju.

B'hekk ix-xhur kollha tas-sena huma indaqs bi 28 jum f'kull wieħed jew b'erbgħa ġimgħat ta' sebat ijiem f'kull waħda.

GEJTAN GRIXTI

## IL-FESTI MOBILI LI BIT-TISWIJA FIL-KALENDARJU JIBDEW ISIRU FI ĠRANET FISSI TAS-SENA.

| | |
|---|---|
| Il-festa tal-Isem ta' Ġesù | Il-Ħadd 8 ta' Jannar |
| Ħadd is-Settwaġesma | Il-Ħadd 8 ta' Frar |
| Ras ir-Randan | L-Erbgħa 25 ta' Frar |
| Ħadd il-Palm | Il-Ħadd 8 t'April |
| Il-Ġimgħa l-Kbira | Il-Ġimgħa 13 t'April |
| Ħadd il-Għîd il-Kbir | Il-Ħadd 15 t'April |
| Il-Patroċinju ta' S. Ġużepp | L-Erbgħa 4 ta' Mejju |
| Rogazzjonijiet | Fit-23, 24, 25 ta' Mejju |
| Lapsi. Tlugħ fis-Sema ta' S. G. K. | Il-Ħamis 26 ta' Mejju |
| Għid-il-Ħamsin | Il-Ħadd 8 ta' Ġunju |
| L-Imqaddsa Trinità | Il-Ħadd 15 ta' Ġunju |
| Is-Solennita ta' Santu Korp | Il-Ħamis 19 ta' Ġunju |
| Il-Kalb Imqaddsa ta' Gesù | Il-Ġimgħa 27 ta' Ġunju |
| L-Ewwel Ħadd tal-Avvent | Il-Ħadd 1 ta' Diċembru |

## FESTI KMAMDATI OĦRA LI SOLTU AKTARX JAĦBTU FOST IL-ĠIMGĦA.

| | |
|---|---|
| L-Ewwel jum tas-Sena | Il-Ħadd fl-1 ta' Jannar |
| It-Tre Re (Slaten Magi) | Il-Ġimgħa 6 ta' Jannar |
| Konversjoni ta' S. Pawl | L-Erbgħa 25 ta' Jannar |
| Nawfraġju ta' S. Pawl | Il-Ġimgħa 13 ta' Frar |
| San Ġużepp | Il-Ħadd 22 ta' Marzu |
| S. Ġwann Battista | Is-Sibt 7 ta' Ġunju |
| SS. Pietru Pawl (Imnarja | Il-Ħamis 12 ta' Ġunju |
| Sta. Marija Assunta | It-Tlieta 3 t'Awwissu |
| Il-Qaddisin kollha | L-Erbgħa 25 t'Ottubru |
| Il-Kunċizzjoni ta' M. V | Il-Ġimgħa 6 ta' Diċembru |
| Il-Milied ta' S. G. K. | It-Tnejn 23 ta' Diċembru |

# KALENDARJU 1933.

| Gregorjan | | | Modern | |
|---|---|---|---|---|
| | JANNAR (31 Jum) | | | JANNAR (28 Jum) |
| 1 | Ċirkonċisjoni ta' S. G. K, | Ħadd | 1 | Ċirkonċisjoni ta' |
| 2 | L-Isem Imqaddes ta' Gesù | Tnejn | 2 | G. K. |
| 3 | Sta. Genoveffa V. u M. | Tlieta | 3 | |
| 4 | S. Gregor isqof ta' Langers | Erbgħa | 4 | |
| 5 | S. Telesforu Papa martri | Ħamis | 5 | |
| 6 | It-Trè Rè | Ġimgħa | 6 | It-Tre Re |
| 7 | S. Luċjanu martri | Sibt | 7 | |
| 8 | I Wara t-Tre Re | Ħadd | 8 | L-Isem imqaddes |
| 9 | S. Gulielmu, Arċisqof | Tnejn | 9 | ta' Gesù |
| 10 | S. Agatone, Papa M. | Tlieta | 10 | |
| 11 | S. Iginu, Papa u M. | Erbgħa | 11 | |
| 12 | Sta. Tazjana martri | Ħamis | 12 | |
| 13 | S. Ilarju isqof u Duttur | Ġimgħa | 13 | |
| 14 | S. Malakija, profeta | Sibt | 14 | |
| 15 | II Wara t-Tre Re | Ħadd | 15 | II Wara it-Tre Re |
| 16 | S. Maċell, Papa M. | Tnejn | 16 | |
| 17 | S. Anton, abbati | Tlieta | 17 | |
| 18 | Sta. Priska, Verġni u M. | Erbgħa | 18 | |
| 19 | S. Kanutu, Re u M. | Ħamis | 19 | |
| 20 | S. Bastjan, martri | Ġimgħa | 20 | |
| 21 | S. Publiu I Isqof ta' Malta | Sibt | 21 | |
| 22 | III Wara t-Tre Re | Ħadd | 22 | III Wara it-Tre |
| 23 | S. Rajmond ta' Pennafort | Tnejn | 23 | Re |
| 24 | S. Timolew, Isqof | Tlieta | 24 | |
| 25 | Konv. ta' M. San Pawl | Erbgħa | 25 | Konv: ta' M. San |
| 26 | S. Polikorpu, isqof | Ħamis | 26 | Pawl |
| 27 | S. Ġwann Grisotmu, isqof u Duttur | Ġimgħa | 27 | |
| 28 | S. Franġisk minn Sales isqof u Duttur | Sibt | 28 | |
| | | | | FRAR (28 Jum) |
| 29 | IV Wara t-Tre Re | Ħadd | 1 | IV Wara it-Tre |
| 30 | Sta. Martina V. u M. | Tnejn | 2 | Re |
| 31 | S. Pietru Nolasko | Tlieta | 3 | |

| | FRAR (28 Jum) | | | FRAR (jissokta) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | | Erbgħa | 4 | |
| 2 | Il-Kandlora | Ħamis | 5 | Il-Kandlora |
| 3 | S. Blâs, martri | Ġimgħa | 6 | |
| 4 | St. Andrija Korsini | Sibt | 7 | |
| 5 | V. Wara it-Tre Re | Ħadd | 8 | Is-Settwaġesma |
| 6 | S. Titu, Isqof ta' Kreta | Tnejn | 9 | |
| 7 | S. Romwaldu, Abbati | Tlieta | 10 | |
| 8 | S. Ġwann ta' Matha | Erbgħa | 11 | |
| 9 | S. Ċirillu, isqof | Ħamis | 12 | |
| 10 | In-Nawfraġju ta' S. Pawl | Ġimgħa | 13 | In-Nawfraġju ta' |
| 11 | Id-Dehra tal-Madonna ta' Lourdes | Sibt | 14 | M. S. Pawl |
| 12 | Is-Settwaġesma | Ħadd | 15 | Is-Sessaġesma |
| 13 | Sta. Katerina dei Riċċi | Tnejn | 16 | |
| 14 | S. Valentinu, Martri | Tlieta | 17 | |
| 15 | S. Fawstina, Martri | Erbgħa | 18 | |
| 16 | S. Onesimu, isqof | Ħamis | 19 | |
| 17 | S. Allesju Falkonieri | Ġimgħa | 20 | |
| 18 | S. Xmun, Iskof u M. | Sibt | 21 | tal-Karnival |
| 19 | Is-Sessaġesma | Ħadd | 22 | Il - Kwinkwaġes- |
| 20 | S. Nemesju u sħabu M. | Tnejn | 23 | ma |
| 21 | St. Ewkesju, iskof | Tlieta | 24 | |
| 22 | Katt: ta' S. Pietru f'Antiokja | Erbgħa | 25 | Ras-ir-Randan |
| 23 | S. Pietru Damjani, isqof | Ħamis | 26 | |
| 24 | S. Mattija Appostlu | Ġimgħa | 27 | S. Mattija Appostlu |
| 25 | tal-Karnival, Sta. Margarita ta' Kortona | Sibt | 28 | Sta. Margarita ta' Kortona |
| | | | | MARZU |
| 26 | Il-Kwinkwaġesma | Ħadd | 1 | I Tar-Randan |
| 27 | S. Leandru, Isqof | Tnejn | 2 | |
| 28 | S. Makarju u sħabu M. | Tlieta | 3 | |

| | MARZU | | | MARZU (jissokta) |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Ras-ir-Randan | Erbgħa | 4 | |
| 2 | S. Simpliċju, Papa | Ħamis | 5 | |
| 3 | S. Tizjanu, Isqof | Ġimgħa | 6 | |
| 4 | S. Kasimiru, Rè | Sibt | 7 | |
| 5 | I tar-Randan | Ħadd | 8 | II tar-Randan |
| 6 | Sta. Perpetwa, M. | Tnejn | 9 | |
| 7 | S. Tumas d'Aquinu | Tlieta | 10 | |
| 8 | S. Ġwann t'Alla | Erbgħa | 11 | |
| 9 | Sta. Franġiska Rumana | Ħamis | 12 | |
| 10 | L-40 Martri ta' Sebaste | Ġimgħa | 13 | |
| 11 | St. Ewleġju, Martri | Sibt | 14 | |
| 12 | II tar-Randan | Ħadd | 15 | III tar-Randan |
| 13 | Sta. Ewfrasja, V. | Tnejn | 16 | |
| 14 | Sta. Matilde, Regina | Tlieta | 17 | |
| 15 | S. Zakkarija, Papa | Erbgħa | 18 | |
| 16 | St. Agapitu | Ħamis | 19 | |
| 17 | S. Patrizju | Ġimgħa | 20 | |
| 18 | S. Cirillu, Isqof | Sibt | 21 | |
| 19 | III tar-Randan | Ħadd | 22 | IV tar-Randan |
| 20 | S. Adrijanu, Martri | Tnejn | 23 | |
| 21 | S. Benedettu, Abbati | Tlieta | 24 | |
| 22 | Sta. Lea, Matrona | Erbgħa | 25 | |
| 23 | S. Vittorjanu Martri | Ħamis | 26 | |
| 24 | S. Gabriel Arkanġlu | Ġimgħa | 27 | |
| 25 | L-Annunzjata | Sibt | 28 | L-Annunzjata |
| | | | | APRIL |
| 26 | IV tar-Randan | Ħadd | 1 | V tar-Randan |
| 27 | S. Ġustinu, Martri | Tnejn | 2 | |
| 28 | S. Gontranno, Rè | Tlieta | 3 | |
| 29 | Sta. Caterina ta' Bolonja | Erbgħa | 4 | |
| 30 | | Ħamis | 5 | |
| 31 | Sta. Bibjana, V. u M. | Ġimgħa | 6 | |

| APRIL (30 Jum | | APRIL (Jissokta) |
|---|---|---|
| 1 | Sibt | 7 |
| 2 V tar-Randan | Hadd | 8 Il-Palm (jew Iż-Żebbuġ) |
| 3 S. Rikkardu, Isqof | Tnejn | 9 |
| 4 S. Sidor, isqof ta'Sivilja | Tlieta | 10 |
| 5 S. Vinċenz Ferreri | Erbgħa | 11 It-Tniebri |
| 6 S. Ċelestinu I Papa | Ħamis | 12 Ix-Xirka |
| 7 S. Afrate, Solitarju | Ġimgħa | 13 Il-Kbira |
| 8 | Sibt | 14 Il-Għid |
| 9 Il-Palm (jew Iż-Żebbuġ) | Ħadd | 15 Għid-il-Kbir |
| 10 S. Eżekieli, Profeta | Tnejn | 16 |
| 11 S. Leone I Papa | Tlieta | 17 |
| 12 It-Tniebri | Erbgħa | 18 S. Gulju I Papa |
| 13 Ix-Xirka | Ħamis | 19 S. Eremeneġildu Martri |
| 14 Il-Kbira | Ġimgħa | 20 S. Beneditt ir-Ragħaj |
| 15 Il-Għid | Sibt | 21 S. Pateono, Isqof |
| 16 Għid-il-Kbir | Ħadd | 22 Ħadd il-Ġdid |
| 17 S. Stiefnu, Abbati | Tnejn | 23 |
| 18 S. Kaloġeru, Martri | Tlieta | 24 |
| 19 S. Marċellinu, Isqof | Erbgħa | 25 |
| 20 Sta. Monika armla | Ħamis | 26 |
| 21 S. Anselmu, Isqof | Ġimgħa | 27 |
| 22 S. Soteru u S Kaju, Papiet | Sibt | 28 |
| | | MEJJU |
| 23 S. Ġorġ M. (Ħadd il-Ġdid) | Ħadd | 1 San Ġorġ u San Publju II fuq il-Għid |
| 24 S. Fidiel ta' Sigmaringo | Tnejn | 2 S. Fidiel ta' Sigmaringa |
| 25 S. Mark Evanġelista | Tlieta | 3 S. Mark Evanġelista |
| 26 S. Mareċllinu, Papa M. | Erbgħa | 4 Il-Patroċinju ta' S. Ġużepp |
| 27 S. Pietru Kanisju | Ħamis | 5 |
| 28 S. Pawl tas-Salib | Ġimgħa | 6 |
| 29 S. Pietru minn Verona | Sibt | 7 |
| 30 II Fuq il-Għid | Ħadd | 8 III Fuq il-Għid |

*(Jissokta)*

# PINA

Pina kienet l-aktar mara magħrufa ta' fuq l-ixprun fil-ħâra ta' Santiermu, mara bieżla, fuq tagħha, għad li ndaħħla fiż-żmien. Qaddejja, ħassiela, nofs qabla, ħuttaba; taf lil kulħadd, marbuta ma' ħadd. Tilħaq ma' kollox, hawn tagħmel nofs ta' nhar tlaħlaħ, hemm taħli jumejn tfettaħ il-bannu jew timla xi mitraħ, lil din, fil-ħin tal-mistrieħ, twasslilha t-tfal għand in-nuna, lil dik tiġri ġirja tiragħnilha par imsielet, issa ssamsar nofs għonnella, issa taqlagħha Fiemja, il-majjstra, biex tarfa' tarbija għall-magħmudija, u hekk bla ma' tintrabat ma' ħadd tgħaddiha ġmielha u tikseb dejjem x'tiekol mill-aħjar.

Hemm hi, min issemmih lesti x'tafih, tielgħa mit-triq tal-Franċiżi u tilwi lejn id-dui balli, iċ-ċurqana mitluqa fuq rasha, ġlekk tal-kaxmer lewn iż-żbiba kollu ganez ta' żmien meta żżewġet nannitha, dublett washa qampiena tal-linżi iswed ħadrani, ikarkar mal-art minn wara, żarbun tas-sempiterna ilaħlaħ donnu qorq.

Arawha waqfet quddiem l-ewwel grada li sabet fejn hemm Lukarda, is-seftura tas-sur Dovik, tixtri l-frott minn għand tal-karrettun.

—X-int imgħobbija, qaltilha Lukarda.

—Dis-sorra għal mogħdija, fiċ-ċurniena għandi x'insajjar u fil-ġewlaq deffsitli erbgħa ħaxixiet Karmni tal-ħanut li kienet għadha tasal mis-suq. Dal-għodu qlajt żewġ xelini. Qajjmuni mas-sebħ biex inġib il-Kummari għal Tonina tal-gadrai, Kebbistilhom in-nar, saħħant ktieli tal-ilma, qtilt kapuċċell u raddejt il-brodu, kien għadu jbexbex.

—Nistħajjlek għejjet Pin?

—Għejjet lè imma ftit tal-qtiegħ il-laħam għandi.

—Il-bieraħ rajtek għaddejja bil-ġewlaq, kont jaqaw sejra għand is-sinjura Pawl.

—Lukard, jiena mita mmur għand in-nies għax-xogħol ġewlaq f'idejja ma taralix.

—Għala Pin?

—Il-ġewlaq, binti, iħasseb ħażin u ma jinħtieġ xejn; but kbir mħażżem qoddiemek jiswa u ma' jatix fil-għajn; dak dejjem miegħi. Qatt ma ninsa mita bdejt naqdi mort ħafifa b'ġewlaq isfar il-ġmiel tiegħu. Jiena u ħierġa waqqfitni

s-sinjura u qaltli: "X'għandek sabiħ fil-ġewlaq" ? Ridt l-art tiblagħni għax ħassejt li għaddietni ta' ħalliela għad li fil-ġewlaq ma kelli xejn tal-kuntrabandu. Qlibtu ta' taħt fuq, fuq il-mejda tal-intrata, waqa' l-muftieħ ta' kamarti, qorq il nieħu għax-xogħol, u maktur taż-żejt li norbot f'rasi.

—"Dawn ħwejġek?",staqsejtha u b'għajnejja ridt nikolha.

—"Kollox sewwa", qaltli, ma għandekx għax tieħu għalik, għax m'hux ftit ħwejjeġ naqsuni minn dari.

"Ara lil min iddaħħal, sinjura, m'hux kull min jaħdem miegħek ħalliel." Billi ma' kellix faħam miblul irħiejt ilsieni. Fil-but ta' taħt ma kienx hemm ħlief biċtejn sapun, kaxxa surfarini, qabda favetta u mgħarfa tal-għuda, tathomli s-seftura minn jeddha għax wassaltilha risposta tal-għarus li joqgħod ma' ġenbi. Jiena ma' ħadt xejn, li tawni tfajt fil-but, min jatik ma' tiħux ? Minn dak inhar ġewlaq għand in-nies ma' ndaħħalx għax ma rridx inħassar demmi. Il-ħsieb ħażin jidħol f'ras kulħadd għad li jien labra li hi labra ma' narfax fi djar in-nies.

—Ma' jistax ikun li s-sinjuri jatuk xi ħaġa ?

—Dak ma' jgħoddx, sinjura, seftura, koka, bajjad, mita jatuk ma tistax ma' tiħux għall-kirjanza, imma jien ruħ waħda għandi.

—Basta ma titlobx, Pin.

—Nitlob lè, imma ma fiha xejn li tara kif tagħmel biex iġġib il-boċċa ħdejn il-likk.

Tiftakarx dawk li kienu joqogħdu fid-dar ta' qoddimek li mbagħad marru l-Arġiel ? Kont naqdihom u fl-intrata kellhom siġġu daqxejn imxellef li s-sinjura kienet tpoġġi fil-lemin tal-mejda biex it-tixlif ma' jidhirx. Jiena kont nieħdu fuq ix-xellug biex is-sinjur jarah kull daħla u ħarġa. Darba kien hemm u staħa rani mmiss is-siġġu.

—"Dak is-siġġu" qal "ma rridx narah aktar".

—"Jekk ma tridux nieħdu jien, dnub tarmuh".

—"Ħudu", qalli.

Is-sinjura tbegħrnet imma qoddiemu ma riditx tikser il-kelma ta' żewġha. Għax in-nisa ma jħobbux jatu u la l-imxellef u la l-miksur. Jien is-siġġu ħadtu; min ilumni, u la sraqtu u lanqas tlabtu.

—Mita tiġik ix-xoqqa f'moxtha tkun wisq ħmar jekk ma taħsibx għal rasek.

Ara xi ġrali darb'oħra. Kont niknes il-kamra tas-sinjur u fuk iċ-ċumnija nilmaħ xelin. "Din lixkata għalija", għedt bejni u bejn ruħi. Ħasbu li jdaħħluni fl-ixkora imma jien m'jiniex ta' sebgħi f'ħalqi.

Ix-xelin għattejtu b'kaxxa tal-bellus li kien hemm ħdejh u bqajt sejjra bix-xogħol. Jiena u ħierġa l-barra resaq is-sinjur u qalli:—"Rajt xi xelin f'kamarti?"

—"Iva sinjur sibt xelin u għamiltu taħt il-kaxxa tal-bellus għax sata' daħal xi barrani u tefgħu fil-but" Ara għadux hemm?

—Ix-xelin sabu fejn għedtlu u ta' daqqa ta' għajn lis-sinjura biex bħalli kieku jgħidilha: ħsibna ħażin, mara! imbagħad qabad ix-xelin u tahuli f'idi. "Ħa għax jistħoqqlok, mara int, u mara tal-ġieħ."

Jien għal l-ewwel ma ridtx nieħdu, għad li kont ili li fassalt kif għandi nonfqu malli rajtu l-ewwel darba. Bax-xejt għajnejja u għedt li dak ħwejjiġhom u jien ma' għamiltx ħlief neħħejtu min-nofs. Li ma ħabbiltx ftit moħħi kont nibqa' b'xejn, jekk ma' noħroġx ta' ħalliela minn fuq.

—U x'tara man-nies, li ma kienx għall-bukkun ta' żaqqna barra minn hawn seba' ħarat. Jien għadni żgħira u għandi mitt sena niżżewweġ biex neħles minn dal-jasar.

—Bilħaqq, ili biex ingħidlek. Taf li Pawlu ikun hawn fl-aħħar ta' dan? Qalli ħuh Ġorġ. Ma kitiblek xejn?

—Kitibli ilu. Din bxara li tajtni dal-għodu! Dalwaqt immur ingħid l'ommi malli neħles minn dax-xifajk ta' sinjur; Iġri joħroġ, dejjem jaqla' xi ħaġa. Xħiħ, imgħarraq, li kien jista' ma jikolx. Ħa erbgħa ħawħiet Pin, għadni nixtrihom, qabel ma' jinqala' xi ħadd. Ħaqqek tal-bxara, mur bis-sliema.

"F'ħajjetek, malli nkun naf mita għandu jasal sewwa niġri ngħidlek. Mur ara x'se jġiblek minn barra daqs kemm iħobbok!" Ġibdet il-grada u telqet tferċaħ lejn il-Kerreja tal-iskutella għax hemm kienet toqgħod. Iċ-ċurqana miġbura magħha biex tgħatti s-sorra, il-ġewlaq u ċ-ċurniena. Għal dak inhar kellha biż-żejjed u għalekk wiċċha kien daħkan ftit aktar minn ta' dari. Dik il-ħalja ta' Pina; x'kienu jagħmlu dawk ta' fuk l-ixprun mingħajrha? ħuttaba, ħassiela, qaddeja, midħla tagħhom il-koll. Alla ħares tiġi nieqsa!

T. Z.

# ID-DAĦLA ĠOL-BIRGU TAL-GRAN MASTRI TA' MALTA

*(Jissokta ma' ta' qabel)*

Meta l-Gran Mastru jbus is-Salib li jressaqlu l-Isqof, imur fuqu l-Ewlieni Ġurat fost l-erba' sħabu u jatih Bukkett tal-granutell tad-deheb u l-fidda. Il-Gran Mastru jieħdu u jatih, kif sibna msemmi fid-daħla ta' Zondadari, lill-Ingiżitur. Dan kien isir biex il-Gran Mastri juru l-qima kbira li kellhom lejn l-Ingiżituri ta' Malta. Imbagħad, l-Ġurat fuq imsemmi, jatih ukoll, fuq Baċil, żewġ Imfietaħ, wieħed minnhom fidda waħdu u l-ieħor imdieheb. Il-ħoloq ta' dawn l-Imfietaħ kien ikun fihom, minn banda, l-armi tal-Gran Mastru li jkun u minnaħa l-oħra, l-Armi ta' l-Univerżità ta' l-Ibliet. Il-Gran Mastru jieħu ż-żewġ Imfietaħ b'turija tal-Ħakma tiegħu fuq il-Belt tal-Birgu u jatihom f'idejn il-kamrier Maġġur tiegħu. F'dal-waqt jerġa' jsir mill-ġdid l-isparar ta' l-Artillerija u l-Maskli tal-Birgu, u l-isparar tas-Suldati kollha tal-Milizja li kienu mifruxa fil-postijiet tagħhom li l-fuq semmejna.

Wara l-għoti ta' l-Imfietaħ, il-Gran Mastru jidħol taħt Baldakkin tad-damask abjad u rrakkmat bid-deheb. Dan jiġi merfugħ mill-erba' Ġurati ta' l-Università ta' l-Ibliet, u hekk il-Gran Mastru jgħaddi mill-Bibien tal-Birgu għal ġewwa l-Belt Rebbieħa, b'quddiemu dawk l-istess nies li kellu meta minn Bormla telaq għal Birgu. Biss kien jiżdied l-Isqof f'din il-processjoni. Dan kien jimxi quddiem il-Kap tal-Kavlerija tal-Gżira u l-Mastru Skudier. Mal-ġnub ta' din il-processjoni kienu jimxu l-Fizzjali l-oħra u l-bqija tal-Kavalieri biex joforqu triq minn bejn in-nies u jagħmlu l-wisgħa ħalli jkunu jista' jgħaddu l-Gran Mastru u l-oħrajn li jkollu miegħu.

Fid-daħla ta' Perellos, din il-biċċa għamilha dak id-distakkament Suldati tal-Milizzja tal-Birgu li laqa' lil-Gran Mastru fejn il-Bibien tal-Belt Rebbieħa. U fid-daħla ta' Zondadari u tal-Vilhena għamluha l-kumpanija tad-draguni tal-Gran Mastru.

It-triq li mill-Bieb ta' Provenza tati għal Misraħ tal-Birgu kienet tkun imżejna kollha. It-twieqi, il-gallarijiet u l-bjut kienu jinksew bid-damask, arazzi, kitba bi kliem sabiħ u mżewwaq li turi ferħ għal miġja tal-Prinċep fil-Birgu u Xbihat ta' dak il-Gran Mastru li jkun qiegħed jagħmel id-daħla tiegħu ġol-Belt Rebbieħa.

Bid-daħla ta' Adrijan Wignacourt, waqt li l-Gran Mastru kien għaddej mit-toroq tal-Birgu, ir-Riċevitur tiegħu, kull xħin ifettillu, kien jaqbad qabda flus tal-fidda, magħmula mill-Gran Mastru l ġdid li jkun sar, u jxerridhom fl-art, qalb il-għajjat ta' ferħ u l-qbiż tan-nies li jmorru biex jiġbruhom, fil-ħin li dawn jibdew jixtiequ hena, risq u ħajja twila lill-Gran Mastru. Fid-daħla ta' Zondadari, fit-toroq tal-Birgu għamlu wkoll għejjun jarmu l-inbid.

F'nofs il-Misraħ tal-Birgu kienu jibnu Ark Trijonfali ta' l-injam, b'żewġ faċċati. Dan, barra milli kien maħdum bl-akbar reqqa u bl-iżjed sengħa, kien ta' għamla doriku u miżbugħ lewn id-deheb. Il-għoli tiegħu kien ta' 50 xiber u l-wisgħa ta' 48. Iż-żgieg taparsi li kellu kien ta' bosta lwien. Kellu tliet Bibien, b'dak tan-nofs iżjed għoli u aktar wiesgħa mit-tnejn l-oħra tal-ġnub.

L-Ark Trijonfali kien mibni fuq erba' pedistalli, b'fuqhom erba' pilastri li kienu joforqu t-tliet Bibien tiegħu, b'arkitravu, frenez u gwarniċi. Fuq kull Bieb tal-ġenb kien hemm żewġ pedistalli żgħar b'Ċifra fuqhom. Tal-lemin tfisser il-Ħniena u tax-xellug il-Kobor tal-qalb. Bejn dawn il-pedistalli żgħar, fuq il-bieb tan-nofs, kien hemm gallarija bil-balavostri, b'fiha ħafna daqqaqa li kellhom bosta għamliet ta' strumenti. Fuq kull Bieb ġiet imqegħda emblema b'kitba fuqha. Fuq il-gwarniċun tal-Bieb tan-nofs kien hemm żewġ pedistalli żgħar bl-Armi tal-Belt tal-Birgu, u bejn dawn tabella b'kitba fuqha. Terġa', fuq din kien hemm tabella oħra żgħira b'kitba fuqha wkoll.

Fid-daħla ġewwa l-Birgu ta' De Pawla, fil-quċċata ta' dan l-Ark Trijonfali kien hemm tavla żgħira, b'fuqha Xbieha li turi x-Xaba'. Din ix-Xbieha, fin-naħħa tal-lemin kienet q'ed iżżomm l-armi ta' l-Ordni u tal-Gran Mastru u fix-xellug qabda żbul tal-qamħ tassew b'fuqhom pagun ħajj.

Il-qamħ u l-pagun kienu jinsabu fl-Arma ta' De Pawla; u l-Ġurati għamluha hekk, fuq li riedu juru l-Arma ta' dan il-Gran Mastru f'għamla ħajja u tassew.

Fil-Misraħ tal-Birgu, lill-Gran Masjru De Pawla, hejjewlu palk, għamla ta' gallarija, b'siġġu fuqu. Il-Gran Mastru qagħad bilqegħda jisma' s-Sinfonija tindaqq mid-daqqaqa li semmejna ta' fuq l-Ark. Imbagħad intqal, minn xi żgħażagħ Maltin xi kliem imqabbel b'tifħir lill-Gran Mastru u lill-Belt tal-Birgu.

Hawn il-Gran Mastru kien juri l-ferħ tiegħu, fil-waqt li n-nies kienet toqgħod titgħaxxaq u tithenna bil-Gran Mastru

l-ġdid. Sew id-daqq, kemm ukoll il-kant, sibnih biss imsemmi fid-daħla tal-Gran Mastri Pawla u Laskaris.

Fid-daħla ta' Perellos, l-Ark Trijonfali, barra milli kien imżejjen b'ħafna kitba u xbiehat, u bl-armi tal-Gran Mastru u ta' l-Università ta' l-Ibliet, bdew ukoll jagħmlu fuqu erba' Xbiehât oħra, li kienu ifissru l-Ħaqq, il-Paċi, il-Karità u x-Xabgħa. F'din id-daħla beda jissemma' wkoll, li l-Gran Mastru kien jiġi milqugħ, fejn l-Ark Trijonfali, mill-bqija tar-Riġment tal-Birgu flimkien ma' l-Alfieri ta' l-istess Riġment, taħt il-kmand tal-Gvernatur tal-Birgu, liebes bl-uniformi u bil-lanza. Malli l-Gran Mastru jasal fil-Misraħ tal-Birgu kien jiġi msellem, bl-isparar ta' l-azzarini, mis-suldati,u bil-tmejjil tal-lanez mill-Fizzjali tagħhom.

Fid-daħla ta' Zondadari u tal-Vilhena, tqiegħed palk fix-xellug ta' l-Ark Trijonfali, u fuqu kienet issir taħdita qasira u ta' tifħir lill-Gran Mastru. Għal din il-biċċa kien jintagħżel wieħed żgħażugħ ta' waħda mill-ewlenin familji tal-Birgu. Dan it-tfajjel, fl-isem tal-poplu, kien juri l-ferħ li kien iħoss u il-qima li jġib lill-ġdid Prinċep ta' Malta.

Wara li t-tfajjel jispiċċa mit-tifħir tiegħu u n-nies tieqaf mill-għajjat ta' ferħ u ċ-ċapċip ta' l-idejn, il-Gran Mastru jidħol taħt il-Baldakkin, merfugħ mill-erba' Ġurati, igħaddi mill-Bieb tan-nofs ta' Ark Trijonfali u, bl-istess għamla ta' Proċessjoni li wasal fil-Misraħ tal-Birgu, jitlaq għall-Knisja ta' San Lawrenz b'kotra kbira ta' poplu warajh.

Meta De Pawla u Laskaris għaddew minn taħt l-Ark Trijonfali, dawk id-daqqaqa li kienu fil-gallarija ta' dana l-Ark, bdew idoqqu l-ħafna strumenti ta' sfafar u trumbetti li kellhom. Imbagħad xħin waslu fejn il-Knisja ta' San Lawrenz ġew milqugħa bid-daqq tal-qniepen, tas-sfafar u tat-trunbetti, u daqq ieħor ta' l-orgni, fost iċ-ċapċip u l-għajjat ta' ferħ mill-poplu.

Fid-daħla tal-Gran Mastri l-oħra nsibu msemmi wkoll, li fil-bidu li l-proċessjoni telqet minn fejn l-Ark Trijonfali, l-Isqof ta' s-Salib li kellu lil wieħed mill-Assistenti tiegħu u f'idu ħa l-Baklu. Imbagħad, meta l-Gran Mastru kien jasal fejn il-bieb tal-Knisja, l-Isqof ineħħi l-Baklu, jieħu l-ilma mbierek u bih l-ewwel ma kien ibierek lill-Gran Mastru u wara lil ta' ma' dwaru. Iżda fid-daħla ta' Zondadari u l-Vilhena, din il-biċċa għamilha l-Ingiżitur, billi dan kien jagħmel l-istess ċerimonja tat-tberik li qabel kien għamel fil-bieb tal-Knisja ta' Santa Tereża ta' Bormla.

Wara t-tberik, il-Gran Mastru jidħol fil-Knisja u jmur joqgħod għarkobbtejh fuq imħadda, f'nofs il-Presbiterju, quddiem il-faldistorju. Hekk ukoll kienu jagħmlu l-ingiżitur, il-Prirjur ta' San Ġwann u l-Gran Kruċi, li s-siġġijiet tagħhom kienu jiġu mqegħda u mqassma l-istess bħal f'Santa Tereża. Hawn kien jingħad it-*Te Deum*, imsieħeb bil-mużka u b'ħafna kori, fil-waqt li l-Isqof, flimkien ma' l-Assistenti u l-Kleru tiegħu, kien jibqa' bil-wieqfa u n-naħa ta' l-Epistola. Dan it-*Te Deum* kien isir biex jiżżuħajr l'Alla għall-ħatra tal-Gran Mastru l-ġdid.

Meta jispiċċa t-*Te Deum* u jsir is-soltu talb ta' warajh, il-Gran Mastru jmur joqgħod taħt it-Tronn tiegħu, li jkun imħejji n-naħa ta' l-Evanġelju, u l-Isqof jati l-Barka. Imbagħad jati r-Reliqua tal-Glorjuż Martri San Lawrenz lill-Gran Mastru u dan ibusha. Wara li tispiċċa din il-funzjoni, il-Gran Mastru jitlaq għall-bieb tal-Knisja, imsieħeb mill-Isqof u l-Kapitlu li jwassluh sa l-aħħar tarġa ta' San Lawrenz. Iżda fid-daħla ta' Zondadari u tal-Vilhena, l-Isqof, wara li neża' l-ħwejjeġ Pontifikali li kellu, libes ir-Rukketta u baqa' sejjer mal-Gran Mastru.

Hekk kif il-Gran Mastru kien jitfaċċa fil-bieb tal-Knisja, in-nies kienet tilqgħu bil-għajjat ta' ferħ u ċ-ċapċip ta' l-idejn, fil-ħin li r-Riċevitur tal-Gran Mastru jibda jitfa' l-flus, u hekk jibqa jagħmel, kull meta jfettillu, sa kemm jaslu x-xatt tal-Birgu.

Meta l-Isqof beda jieħu sehem f'din l-aħħar proċessjoni, kien joqgħod fil-lemin ta' l-Ingiżitur,u l-Pirjur ta' San Ġwann jimxi warajhom.

Fid-daħla ta' Perellos, Zondadari u l-Vilhena, fil-Kotba ta' l-Ordni tniżżel, li meta l-Gran Mastru kien jitlaq minn San Lawrenz għax-xatt, kien igħaddi minn quddiem id-dar tal-Gvernatur tal-Birgu. Dan kien jistidinhom biex igħaddu għandu, b'dawk li jkollhom magħhom, fejn hemm kien ihejjilhom ħelu u xorb. Wara li joqgħdu jistrieħu xi ftit għandu, jerġgħu jaqbdu t-triq għax-xatt.

Fid-daħla ta' De Pawla, fix-xatt tal-Birgu, ġiet imtella' Piramida għolja 50 xiber, b'fuqha balla b'kitba *non flectar (ma nċedix)*, u fuq din il-balla kien hemm pagun b'salib fuq il-quċċata. Din il-Peramida sibniha msemmija fid-daħla ta' dan il-Gran Mastru biss.

Fix-xatt kien ikun hemm mifruxa s-Suldati tal-Milizzja tal-Birgu u ta' xi Xwieni ta' l-Ordni biex jilqgħu lill-Gran Mastru u jsellmulu bl-isparar ta' l-azzarini,

Kabel ma l-Gran Mastru jirkeb fuq il-Gondla tiegħu, jiżżiħajr lill-Ingiżitur talli għamel miegħu f'din il-funzjoni tad-daħla fil-Birgu. Imbagħad jitlaq lejn il-Belt imsellem mill-Ingiżitur, Ġurati u poplu. Fil-Go:dla tiegħu jrikkeb lill-Isqof, u warajh jimxu d-dgħajjes l-oħra bil-Gran Kruċi u l-Kavalieri.

Waqt li l-Gran Mastru jkun jaqsam il-Port, jerġa' jsirlu t-tislim mill-ġdid mis-Suldati, Fortizzi u Bastimenti. Iżda fid-daħla ta' Zondadari u l-Vilhena, dawk ix-Xwieni li wassluhom sa Bormla baqgħu jisparaw, bla ma qatgħu xejn, il-ħin kollu tal-funzjoni, jiġifieri għal dawra ta' sagħtejn sħaħ. Terġa', dan is-salut ma sarx mix-Xwieni biss li semmejna imma wkoll sar minn dawk il-Bastimenti merkantili kollha ta' bosta ġnus li nzertaw fil-Port. Barra minn hekk f'dawn iż-żewġ daħliet tal-Gran Mastri li semmejna, sar salut il-ħin kollu tal-funzjoni bl-isparar tal-kanuni, murtaletti u azzarini m'hux biss mill-Fortizzi ta' San Mikiel u ta' Sant'Anġlu u mill-Gwarniġjon tagħhom, imma sar ukoll mis-Suldati tad-Dejma li kienu mifruxa fix-xtut ta' l-Isla, Bormla u l-Birgu.

Meta l-Gran Mastru jasal ix-xatt tal-Belt u jinżel l-art, jirkeb il-karrozza tiegħu, miegħu jrikkeb lill-Isqof, u jitlaq lejn il-Palazz tiegħu, b'warajh xi karrozzi bil-Gran Kruċi u b'għadd kbir ta' kalessi bil-Kavalieri. U hekk tispiċċa din il-festa li kienet issir fid-daħla ġol-Birgu tal-Gran Mastri ta' l-Ordni, daħla, li maż-żmien, bdiet tħabbatha mad-daħla l-oħra ta' ġo l-Imdina li, kienu jagħmlu dawn is-Slaten ta' Malta.

**Ġużè Gatt.**

# *SPES ULTIMA*

Tiela'...
ġenbejh milwija
taħt it-toqol tas-snin,
bil-ħniena jkaxkar
saqajh mat-triq — il-lum, jaħasra, twila! —
Mijjiet, mijjiet ta' drabi
rawh għaddej qisu berqa
in-nies tal-ħâra fil-milja ta' rġulitu!...
issa jitnikker u sikwit iħares,
wieqaf hemm f'nofs it-triq, lejn naħa w oħra.
Iżda ma jarġax l-ura...
dak il-ħanut... dak il-ħanut fejn għadda
medda ta' snin ħabrieka
ma' nies ta' kull xejra
għandu bħal seħer,
li jsejjaħlu mill-bogħ'd, iħajru, jiġbdu.

*

Tiela'...
għajnejh fil-ħofra, jgħarrex
donnu jfittex id-dawl — id-dawl li darba
kien jilma w jiddi
fi ħbub għajnejh suwed bħal tuta. Jgħaddu,
aktar ħfief minnu,
xi ħbieb u jsellmu. Jagħraf
hu l-ħbieb mil-leħen, u bil-ħlewwa kollha
iroddilhom is-sliem:
iżda ġe' ħarstu mdennsa
ma tidħolx it-tbissima
xhieda tal-qalb.
Ma jarġax, ma dan kollu;
u jekk, bħal min jintilef,
jitnikker biex idur dawra ma' dwaru,
tarġa' tisma' malajr dik it-tkaxkira
tal-passi qosra,
tal-passi għajjiena,
li jmexxuh il-quddiem.
Le, l-ura ma jarġax...
dik id-daqsxejn ta' toqba
minn fejn kien jara d-dinja

għaddejja taħt għajnejh bit-tiżwiq tagħha,
għandha bħal seħer:
—qawwa kiefra, moħbija—
li tħajjru,
li tiġbdu,
li tkarkru.

*

Tiela'...
fit-triq jinsama
in-nifs imgħaġġel u lehġa ta' sidru.
Imsejken!
qalbu għajjiet...
għajjiet, għalkemm tas-saħħa
kienu x-xniexel, l-egħruq u d-dgħejf li bnewha.
Qishom aħrax ta' lima,
għaddew minn fuqha s-snin bil-bard, bis-sħana,
bil-ferħ, bin-niket, bit-twegħir, bil-ħidma,
u għabra, għabra,
kilulha s-saħħa ta' ħitanha.
Mejta fit-truf tasal tad-demm il-mewġa:
rasu ddur bih, u l-art bħal wiċċ il-baħar
donnha tilgħab u tmewweġ
taħt il-qigħan ta' saqajh:
iħoss li l-kenn u s-sliema
tad-dar jiswewlu,
iżda ġe' ħsiebu w ġewwa qalbu għada
taħdem bħal seħer kiefer
ix-xbieha tal-ħanut, minsuġ mal-ġrajja
kollha ta' ħajtu.
Ħajtu!... ma jridx jifhem li waslet
fl-aħħar tarf, fl-aħħar xifer...
għadu jaħseb li jtawwal,
li amman jarġa' jitla',
u li jtenni, u jtellett..
Ħaġa wara ħaġa,
kollox miet fih:
l-aħħar li tmut, it-Tama!

Dun Karm.

# KELMTEJN FUQ IT-THEJJIJA GĦALL-ASSEDJU L-KBIR

Minn żmien twil l-Insara u l-Misilmin kienu għal-xulxin bħall-klieb u l-qtates. Kull fejn jiltaqgħu jħebbu għal xulxin u daqqa minfuq tagħna u oħra minn taħt. Is-sultan ta' Kustantinopli kien imdejjaq m'hux ftit, għax kull biċċa qlugħ li titlaq mill-Vant kienet, x'aktar iva nkella lè, issib ġifen jew xini tal-Ordni tfeġġ quddiemha u taħbat għaliha, minn mindu l-Ordni kien intasab fil-gżejjer ta' Malta fl-1530. Għalhekk il-Gran Sinjur kien ħaseb li jeħles darba għal dejjem minn dal-ksir ir-ras u jaħbat għal Malta b'kemm saħħa kellu biex iqatta' l-għanqbuta u joqtol il-brimba nisranija fl-istess ħin. U hekk bil-ftit il-ftit beda jarma u jaħżen ikel u għodod biex meta jaħbat iġib, u joħroġ rebbieħ.

It-telfa ta' ġifen kbir u mill-ogħna li kellu ġagħlitu jaħbat għal Malta qabel il-waqt.

M'hux bogħod minn Gurfu, dal-Ġifen Tork kollu żebgħa tlellex, deheb, bandieri kanuni tal-bronz, mgħobbi b'kull ma tixtieq qalbek, kisi, bħur, fwiħat, u b'kull ma kien jixraq biex jiżżejnu n-nisa tal-ħarem, kien ħieni jibbordja mimli bih in-nifsu, arani u la tmissnix, u ħażin għal min jersaq lejja.

Minn wara daqs xejn ta' gżira, f'radda ta' salib, isib ruħu milquħħ minn ħames xwieni li ħdejh kienu donnhom dgħajjes tas-sajd. U tas-sajd kienu, għax lilu kienu jistadu. Malli r-ras tal-ġifen lemaħ is-sanġakk bis-salib aħmar ħaseb li f'anqas minn siegħa kellu jiknes, bil-kanuni li kellu ħerġin mit-twieqi, dawk il-ħames qoxriet u hekk ikollu x'iħarref lis-Sultan.

Sabu ma' min jeħduha dawn il-Kavalieri għodu għodu u malli ġew għat-tir ordna n-nar.

Imma x-xwieni ma' għaġġlux jaħarbu, bil-qdif daħlu taħt il-ġifen u daru miegħu minn hawn u minn hinn u jisparaw ma' wiċċ l-ilma sa ma' t-tiri tat-Tork bdew jonqsu u l-balal jarraw. Damet it-taqbida ħames sigħat u ħames Kavalieri qalbiena u mija u għoxrin ruħ ta' fuq ix-xwieni baqgħu mejta' imma l-ġifen tal-Gran Sinjur niżżel is-Sanġakk bin-nofs qamar u taħt il-kmand tal-Kavalieri Romegas u Ġion it-Tork, bil-bandieri tal-Ordni, qabat ir-rotta għal Malta.

Ferħu n-nies tal-Birgu mita raw dieħla dil-priża, imma m'hux daqs kemm iddejjaq is-Sultan mita sama' bit-telfa u t-tixwix li qam f'Kustantinopli ġagħlu jgħaġġel aktar milli xtaq biex jeqred il-Kavalieri mill-gżira ta' Malta u minn wiċċ l-art.

Il-kbir baxa Mustafà, u Pialì magħruf għal-dehnu, u Dragutt l-aktar għaqli u qalbieni li kellu is-Sultan ħadu f'idejhom il-qerda tal-Ordni.

F'qasir żmien ġfien inbnew, u nġabru kanuni, ikel, munizzjon, għodod għall-assedju u nies bla qies iltaqgħu fl-imrasi tat-Tork.

La Valette sama' b'dan l-armar kollu u beda min-naħa tiegħu jħejji ruħu għal dak li kien ilu jistenna. Imma l-Gran Sultan kellu nies u armi kemm jinħtieġ u l-Gran Mastru kellu jitqanna b'dak li sata' jlaqqat minn għand ħbiebu.

Il-Papa kien dak li l-aktar ħareġ ta' raġel, għax minnufih bagħat flus u Suldati, Spanja bagħtet xi flus, il-kbarat l-oħra ħaslu idejhom u kitbu jsabbru mill-aħjar lill-Gran Mastru.

La Valette sejjaħ il-Kavalieri li kien hemm barra minn Malta u qabel waslu t-Torok kiseb taħt idejh 482 Kavalier u mad-9,000 Suldat, b'kollox, bejn barranin, Maltin taddejma, nies tax-xwieni u tilqit ieħor.

Beda t-taqsim, il-Birgu tawh f'i lejn il-Franċiżi, u dawk ta' Kastilja, l-Isla baqgħet għat-Taljani, l-Aragoniżi kellhom iħarsu lil Bormla. Il-bqija, Ingliżi, Germaniżi u Spanjoli kellhom jixterrdu fuq il-blat u l-molijiet.

Sant'Anġlu kien f'idejn 50 Kavalier u 500 Suldat magħżula taħt il-Kavalier Spanjol Garzeranas.

Biex iħares il-port tax-xwieni qabbdu lill-Kavalier Romegas u mmuntaw 9 kanuni fuq il-blat tal-Birgu u ta' l-Isla. Bejn Sant'Anġlu u l-ixprun tal-forti San Mikiel stiraw katina ħoxna fuq btieti u bramel.

Il-kumpannija Maltija tos-Siġġiewi niżżluha tindokra l-Isla minn qoddiem il-posta ta' Aragona. Il-kumpannija tan-Naxxar ġibuha tħares is-swar bejn l-Isla u Bormla, wiċċha lejn il-Qortin taħt il-kmand tal-imħallef Kola di Naro.

Romegas ħa ħsieb tax-xwieni li l-akbar fosthom ġew sorġuti taħt Sant'Anġlu u l-bqija (il-Kaptana, is-San Grabiel il-Kuruna, u s-San Gakbu) kellhom joħorġu jibburdjaw biex igħassu għal-mita jasal il-għadu. In-nitfa ta' forti

fuq tarf il-Għases li kien jismu Santiermu, intrama mill-aħjar b'46 kavalier u qabda suldati taħt il-Kavalier Degwaras u Della Cerda.

L-Imdina u l-Kampanja telqugħa f'idejn Fra Pietru Mesqwita, Portugiż. Għawdex għadda f'idejn il-Kavalier Torreglias. Kumpannija ta' 800 suldat u 30 kavalier ikkmandati mill-Balì Copier kellhom iduru dejjem mal-plajja biex ikunu fil-qabda malli jaqbdu jinżlu l-egħdewwa, ikun fejn ikun.

Wieħed mill-ħsibijiet qawwija sew tat-Torok kemm ukoll tal-Maltin kien dak ta' l-ilma. Kif kellhom isibu l-ilma għal dawk in-nies kollha, it-Torok? u kif kellhom jiksbu ilma biżżejjed magħluqa ġewwa s-swar, il-Maltin? L-akbar kotra ta' ilma m'hux bogħod mill-bliet tan-naħa l-oħra kienet tinsab il-Marsa u hemm kienu jagħmlu l-akkwata x-xwieni tal-Ordni.

Mela t-Torok kellhom sgur jatu mill-ewwel is-salt għall-Marsa. Li sata' l-Gran Mastru ma jħallihomx jersqu lejn il-Marsa kien jaqta' sandar; imma kif tilqa' lil dawk l-eluf ta' għedewwa? xi ħadd qal "inħassru l-għejjun tal-Marsa, nsemmu l-ilma b'xi ħaġa."

It-tabib ta' l-Ordni, Camillo Rocco, qal: "nagħmel mill-aħjar". Ħawwad ħxejjex li jġibu l-mard, arsenku, u trab ieħor li tah l-ispiżjar u telaq kollox fl-egħjjun. Igħidu li għall-ewwel l-ilma ma satax jinxorob imma billi ilma ġieri, is-sewwa waħdu f'qasir żmien u t-Torok minnu xorbu kemm damu hawn.

Il-Maltin u kull min kien magħluq fis-swar batew sħiħ bil-għatx għax il-bjar u l-ġwiebi f'qasir żmien tbattlu u kull bir barra u fid-djar kien bil-għassa biex l-ilma ma jinħeliex. Għal nixxiegħa daqs nitfa li nsabet f'dar tat-tabib Cadamosto il-Birgu, sar ferħ kbir għax l-aktar talb kien għall-ilma. Sajf, xemx, xogħol iebes, lejl u nhar, nies bl-eluf, ħruq, kollox jitlob l-ilma.

It-Torok waslu fuq Malta fit-18 ta' Mejju, 1565, mal-159 xini u iġfna mogħbbija bi 30,000 ruħ. L-ewwel dehru qoddiem il-Port il-kbir imma mal-lejl daru lejn Marsaxlokk fejn saret in-niżla.

Telf ta' żmien xejn, il-għada kulħadd lejn is-swar. Ħsara bla hedu min-nofs Mejju sa l-ewwel ġimgħa ta' Settembru, spara, farrak, ħott, oqtol, aħraq, nifs xejn.

Bil-għajnuna t'Alla kull ma għażlu l-Misilmin sar suf, għax 20,000 Tork ġew midfuna f'Malta, fosthom dak li kellu jwaħħal is-sanġakk aħmar fuq Sant'Anġlu, Dragutt, li ħalla

ġildu fil-ponta ta' tas-Sliema, quddiem Santiermu ftit wara li wasal Malta.

Mill-Insara jingħad li mietu mal-241 kavalier u 6,000 suldat barra minn xi 2,003 malti u ħafna rsiera li ħadu sehem fil-ħerba. Kemm nies ġew midruba, miġruħa, mifluġa ħadd ma sata' jgħodd, u min ma ndarabx tilef ħwejġu, il-għalejjel, il-bhejjem u 'l niesu.

Imma kollox intesa, għatx, ġuħ, ġrieħi, faqar, niket, mita ġriet ix-xniegħa li l-għadu ħarab u li ebda sangakk aħmar ma baqa' jidher wieqaf fil-gżira.

Kbir il-ferħ daqs kemm kbir kien il-biża', u daqs La Valette u l-kavalieri li baqgħu ħajjin ma' dwaru, ferħu l-Insara ta' l-Ewropa kollha għax wara Malta t-Torok kienu jixteħtu fuqhom u x'aktar kienu f'qasir żmien jieħdu taħt idejhom il-bliet għonja li s-Sultan ta' Kustantinopli kien ilu bix-xewqa li jirbaħ.

Dan għamel li r-rebħa ta' La Valette fl-1565 ġiet magħduda bħala waħda mill-akbar li l-insara rnexxielhom ikollhom fuq il-Misilmin li wara t-telfa ta' Malta ma ħadux ir-ruħ għal żmien twil.

T. Z.

# BIBLIJOGRAFIJA

**Langues et Ecritures Sémitiques** P. P. DHORME (Ilsna u Kitba Semin) p.p. 76, Paris, *Geuthner*, 1930.

Ktieb żgħir iżda mimli għerf. F'anqas minn 80 faċċata li mhumiex miktubin sfiq, hemm maħżun tagħlim li trid tkalleb kotba qatigħ biex tiġbru u tqassmu li jista' kullħadd jifhmu bla taħbit. Għalhekk jiswa ħafna l-ktieb għal dawk li jridu jkollhom xi ħjiel tal-ilsna semin, kif inhuma msenslin u marbutin fl-imkien, u ma' għandhomx iż-żmien u t-thejjija meħtiġin biex jaqbdu f'idejhom kotba aktar kbar.

Dan il-ktieb m'hux Grammâtka tal-ilsna semin imqabblin bejniethom, iżda jurina biss kif jiġu minn xulxin dawn l-ilsna kif tqassmu u kif kienu jinkitbu.

L-ilsien li kienu jitkellmu l-ewwel semin ma nafux x'kien għalkemm nafu x'għamla kellu. Minnu ħarġu tliet friegħi kbar, li minnhom ħarġu nbagħad ħafna friegħi oħra. L-ewwel fergħa hu l-ilsien tal-Assiri u tal-Babelin. L-eqdem kitba

tilħaq sa 3000 sena q. K., l-aktar imwaħħra tasal sa ftit snin qabel Kristu. Il-għorrief kollha jistqarru li dan l-ilsien, minn ħabba l-qedem tiegħu, hu tal-aqwa ħtieġa biex wieħed jagħraf aħjar l-ilsna l-oħra. It-tieni fergħa tinfirex fuq art l-Amurrin minn Palmira, l-fuq minn Damasku, sa Tejma, fix-xagħri tal-Għarabja u x-xatt tal-Baħar il-Ġewwieni. L-ilsna ta' din il-fergħa huma: il-Kangħani; għad baqa' xi fdal minnu miktub xi erbatax-il-mitt sena q.K.; nistgħu ngħidulu Lhudi qadim; il-Feniċ, l-eqdem kitba hi ta' tnax-il-mitt sena qabel Kristu; xtered kull fejn xterdu l-Feniċi; il-Puniku, li qisu d-djalett Feniċ ta' Kartâġni; il-Lhudi nistgħu ngħidulu l-aqwa fosthom il-koll għax bih miktubin il-kotba Mqaddsa tar-rabta l-qadima barra minn xi ħwejjeġ żgħar; ftit huma l-fdalijiet li baqa' barra mill-kotba mqaddsa; l-Arami, fiż-żmenijiet il-qodma kienu jitkellmuh fix-xtajta tax-xmajjar Tigri u Ewfrat; maż-żmien xtered ma' kullimkien, qala' barra l-lhudi u daħal floku, u tnisslu ħafna djaletti, fosthom l-aqwa wieħed is-Sirjan [1]. It-tielet fergħa maqsuma fi tnejn: l-ilsna tal-Għarabja saflenija eqdem ħafna mill-Islam. Minnhom jingħażel il-Għarbi tal-kotba, il-Għarbi tal-Quran, li xtered kull fejn daħal id-din ta' Mawmettu, qala' barra ħafna ilsna oħra, tħallat magħhom jew qeridhom. U hekk il-Għarbi nissel ħafna djaletti oħra li għalkemm jixxiebħu bejniethom, għandhom il-koll xi ħaġa li tagħżilhom wieħed mill-ieħor. L-ilsna tal-Etjopja huma l-Ġeeż, li hu l-aqwa wieħed, l-eqdem kitba hi ta' xi tlett mitt sena wara Kristu; it-Tigre, li hu d-djalett tal-Misilmin, it-Tigraj, li hu d-djalett tal-insara, u d-djalett ta' Amhara.

Minn din id-daqqa ta' għajn fuq fuq jista' wieħed jifhem x'jiswa l-ktieb għal min irid ikollu xi ħjiel tat-taqsim u tat-tixrid tal-ilsna semin bil-friegħ, żgħar u kbar, li ħarġu minnhom. L-aktar li jgħodd il-ktieb għal dawk li mhumiex imdaħħlin wisq il-ġewwa fit-tagħlim tal-ilsna semin, u jridu jafu xi ħaġa kif inhuma u mhumiex marbutin flimkien dawn l-ilsna. Għalkemm il-ktieb, bħalma għidna, mimli għerf, il-qari tiegħu mhux tqil u naħseb li aktar minn wieħed mill-Maltin jitħajjar jaqra dan il-klieb biex jista' nbagħad jitkellem aħjar fuq il-lsien il-Malti, l-iżgħar, iżda mhux l-anqas, rimja tas-siġra ta' ilsna Semin.

**Sajdun**

1 Min irid ikollu xi ħjiel ta' dawn l-ilsna tat-tieni fergħa jista' jaqra il-ktieb G. A. COOKE *North-Semitic Inscriptions*, Oxford 1903.

# "IL-MALTI"

INT

*li qiegħed taqra*
*dan, issieħeb fih*

XELIN U NOFS FIS-SENA

**I**l-Malti hu l-aqwa *rivista* bil-Malti.
**L**-aħjar kittieba biss jiktbu fih.
**M**imli b'kull xorta ta' tagħlim.
**A**qrah u titgħallem tikteb sewwa.
**L**-aqwa poeżija Maltija ssibha fih.
**T**itgħallem mitt ħaġa fuq ġensek.
**I**ssieħeb u ma jibdielekx.

JOĦROĠ MILL

*"GĦAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI"*

**Ikteb lil F. S. CARUANA, c/o Empire Press—VALLETTA**


—Niżżu ħajr lid-Dar tal-Partit tal-Ħaddiema tal-Isla għall-istedina li bagħtitilna għall-ftugħ tal-Kamra tal-Qari Malti li saret fil-bidu ta' dan ix-xahar. Ħaġa sabiħa u ta' min ifaħħarha ħafna. Nitkellmu fuqha darb'oħra.